**Kunsill Lokali Gżira**
283/1 Triq D'Argens, Gżira
Tel 21341034, Fax 21341616

Ref Nru: Klg5/A38-09

15 ta' Diċembru 2009

**Avviż tal-Laqgħa Nru K5/38**

Ser issir laqgħa tal-Kunsill, nhar it-Tlieta **22 ta' Diċembru 2009, fil-5.30 p.m.** fl-uffiċċju Amministrativ 283/1 Triq D'Argens, Gzira.

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Materji Konnessi
3. Korrispondenza
4. Approvazzjoni ta' *Request Sheets*
5. Diskussjoni dwar skemi tal-ġbir ta' l-iskart riċiklat
6. Diskussjoni dwar approvazzjoni għall-pubblikazzjoni t'*expression of interest for Public Relations Officer*
7. Diskussjoni *Urban Improvement Funds*
8. Affarijiet Oħra
9. Laqgħa Oħra

Il-Pubbliku jista' jattendi għall-laqgħa skond il-líġi tal-Kunsilli Lokali Att XV ta' l-1993.

Dott. Chris Bonett B.A. LL.D
Sindku

Rowena M. Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M.
Segretarju Eżekuttiv

# Kunsill Lokali Gżira

28 ta' Jannar 2010

Ref Nru.Klg5/038

Minuti tal-laqgħa Nru.Klg5/38 li saret it-Tlieta 22 ta' Diċembru 2009.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju tiegħu 283/1 Triq D'Argens Gżira fil-5.30 p.m.

Preżenti

Ħames membri li kienu s-Sindku Chris Bonett, il-Viċi-Sindku Dunstan Attard, il-Kunsillieri Anthony Abela, Joe Camilleri u Victor Rutter flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Rowena M. Borg u D/Segretarju Eżekuttiv Marion Monaco.

**Skużati**

Il-Kunsillieri Malcolm Camilleri u Ian Micallef minħabba mpenn ta' xogħol.

***Chairman***

Is-Sindku Chris Bonett ppreseda l-laqgħa

**Agenda**

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ħareġ fil-15 ta' Diċembru 2009.

## 1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

**1.1.** Il-minuti tal-laqgħa li saret it-Tlieta 22 ta' Diċembru 2009, ttieħdu bħala moqrija u ċ-*Chairman* stieden lill-Kunsillieri jressqu l-korrezzjonijiet tagħhom.

Minħabba li ma kienx hemm korrezzjonijiet, il-minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill, b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Viċi-Sindku Dunstan Attard.

## 2. Materji Konnessi

**2.1. Paġna Nru: 2 para 2.1. –** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet, li mill-lista ta' *Part 3c2* li kienet intbagħtet mill-*E.T.C.* kienet saret l-*interview* ma' Mattia Felice li fl-opinjoni tal-bord ta' l-għażla li kien magħmul mis-Sindku, l-Kunsillier Joe Camilleri u s-Segretarju Eżekuttiv kemm mis-*C.V.* kif ukoll, mill-mod ta' kif wieġeb għall-mistoqsijiet li sarulu waqt l-*interview*, jidher li kien kandidat addattat għall-impjieg mitlub mill-Kunsill. Hi kompliet tgħid, li Christine Bezzina m'attendietx għat-tieni *interview* u li kieku l-Kunsill ma ċempilx, din lanqas biss avżat.

Iċ-*Chairman* qal, li abazi tad-deċiżjoni li ttieħdet dwar Christine Bezzina fil-laqgħa preċedenti, xtaq jisma' l-kummenti tal-membri preżenti.

Matul id-diskussjoni li saret, l-Viċi-Sindku qal, li dan it-tip ta' mpjieg sservi bħala *stepping stone* u l-Kunsill għandu jiddeċiedi jekk jaċċettax impjegat *part-time* bħal Mattia Felice li ser ikun *short term* sakemm jispiċċa l-istudji tiegħu jew jipprova jsib persuna li tibqa *long term*, il-Kunsillier Joe Camilleri qal, li filwaqt li hu minnu li l-impjieg *part-time* huwa a *stepping stone* pero' fl-opinjoni tiegħu, l-kandidat Mattia Felice huwa addattat anke għall-fatt, li dan qed jistudja l-liġi, l-Kunsillier Anthony Abela qal, li fl-opinjoni tiegħu, l-attitudni ta' Christine Bezzina ma tirriflettix stabbilita' u s-Segretarju Eżekuttiv qalet li huwa mportanti li n-nies magħżula jkunu responsabbli.

Wara diskussjoni qasira, ġie deċiż li:

i nappuntaw t-tieni *interview* lil Mattia Felice

ii tiġi rrtirata d-deċiżjoni meħudha fil-laqgħa preċedenti fir-rispett ta' Christine Bezzina

iii tintalab l-approvazzjoni ta' l-*E.T.C.* biex tinħareġ sejħa għall-ingaġġ ta' persuna fuq bażi *part-time*.

**2.2.** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat, li Patrick Grech, ħaddiem ta' l-I.P.S.L. kien ġie trasferit għall-Kunsill Lokali Swieqi. Hi kompliet tgħid, li kienet kitbet lis-Sur Martin Stivala, *Human Resources Manager I.P.S.L.* sabiex jew ma jsirx dan it-trasferiment jew tintbagħat persuna oħra pero', mill-4 ta' Diċembru 2009 sallum, ma kienet waslet ebda risposta.

**2.3. Paġna Nru: 3 para 2.4.** *Gżira United Football Club*

Iċ-*Chairman* qal li fil-ġurnal 'il-Mument' kien deher artiklu li l-*Gżira United Football Club* kienu ngħataw xi fondi. Huwa kompla jgħid, li kien iltaqa' mal-President tal-klabb, s- Sur Tyrone Demanuele fejn dan ikkonferma li dak li deher fl-artiklu ma kienx minnu u l-proġett biex jiġi nstallat *FIFA 2 star Artificial Turf* fil-*ground* ta' l-iskola sekondarja biex b'hekk il-klabb tal-futbol ikun jista' juża l-*ground* għat-*training* kien wieqaf. Huwa qal ukoll, li l-problema kienet li l-fondi għat-*turf* ma jingħatawx mill-fondi ta' l-*M.F.A.* iżda mill-fondi li din l-Assoċjazzjoni tirċievi mill-*UEFA* liema fond ġie eżawrit u għalhekk, iridu jistennew sakemm jinħarġu skemi oħra. Intant, il-Kunsill ser jibqa' f'kuntatt mal-*Gżira United Football Club.*

**2.4. Paġna Nru: 3 para 2.5.**

Il-Kunsill ġie nfurmat li l-*blacklisting* fir-rispett tal-kuntrattur Jimmy Vella li kien qed jidher għan-nom tad-ditta *Vella Group* minn naħa tal-Kunsill, kien tneħħa.

**2.5. Paġna Nru: 5 para 6.1 – *Crafts & Activities Co-Ordinator***

Il-Kunsill ġie nfurmat, li kors dwar is-suġġett hawn fuq imsemmi kien beda.

**2.6. Paġna Nru: 6 para 3.4. – Tabelli u Sinjali tat-Traffiku**

Iċ-*Chairman* rringrazzja lill-Kunsillier Joe Camilleri għax-xogħol tat-tabelli tat-toroq li kien qed isir fil-lokalita'.

**2.7. Paġna Nru: 7 para 3.6. – *Loading/Unloading Bay* fi Triq il-Flotta**

Rigward is-suġġett hawn fuq imsemmi, s-Segretarju Eżekuttiv qalet li kienet bagħtet *e-mail* indirizzata lill-Ispett. Anne Marie Micallef fejn ġiet infurmata bir-risposta li kienet bagħtet il-Perit Lara Demicoli ta' l-A.D.T. u cioe' li ma kellha ebda talba għal xi emendi, kif intqal fil-laqgħa preċedenti u l-Kunsill kien qed jistenna l-eżitu ta' l-azzjoni meħuda.

**3. Korrispondenza**

**3.1.** Ġiet ppreżentata l-korrispondenza li kienet waslet sat-22 ta' Diċembru 2009 kif ukoll, ingħatat l-informazzjoni ta' laqgħat u stedin li l-Kunsill għandu ffissati għall-ġranet li ġejjin.

**3.2.** Inqraw l-ittri li rċevejna u dawk li ntbagħtu fosthom,

**3.3.** Inqrat ittra *mibgħuta* mill-MIDI datata 30 ta' Novembru 2009, rigward skart f'*Manoel Island*. Permezz ta' din l-ittra, l-Kunsill ġie nfurmat li ser issir restrizzjoni għall-aċċess kemm għall-vetturi kif ukoll, għall-*pedestrians* ħlief għal dawk il-persuni li ġenwinament għandhom interess f'dan ir-rispett minħabba l-kwantita' ta' skart li qed jintefa'.

Wara diskussjoni qasira, ġie deċiż li ċ-*Chairman* għandu jieħu f'idejh din il-materja.

**3.4.** Inqrat ittra mibgħuta minn *d'Aniens Development Ltd* datata 19 ta' Novembru 2009, b'referenza għall-kera taċ-Ċentru ta' Attivita' fejn ġiet imnaqqsa s-somma ta' €508.50 mill-ammont ta' €9,358.60 liema somma kienet, għall-kabinet biex jingħalqu l-*meters*. L-ittra tkompli tgħid, li din is-somma għandha tiġi rrifundata minħabba l-fatt, li kien ġie provdut elettriku u ilma speċifikalment għal usu tal-Kunsill għall-perjodu ta' aktar minn sitt xhur u li l-kabinet seta' sar ferm iżgħar.

Wara diskussjoni qasira, ġie deċiż li ċ-*Chairman* għandu jikkuntattja lid-ditta hawn fuq imsemmija u jinnegozzja ma' Dott Buontempo sa massimu ta' €200.00

**3.5.** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li skont *Memo 75/2009*, kienet qed tibgħat il-*Memos* kollha lill-Kunsillieri. Hi kompliet tgħid, li kienet infurmat lill-*Accountant* tal-Kunsill Antoine Portelli, li skont *Memo 78/2009* – Għeluq tas-Sena Finanzjarja li din ser tibda tkun bħas-sena kalendarja jiġifieri mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru. Minħabba l-fatt, li din is-sena (2009) ser tkun biss ta' disa' xhur, il-proċedura ta' l-għeluq tas-sena finanzjarja, nkluż l-awditjar tal-kotba tal-Kunsilli, ser tiġi aktar 'l quddiem. L-Uditur tal-Gvern Lokali għandu jissottometti r-rapport tiegħu flimkien mal-*financial statements* sat-30 ta' Marzu 2010 u l-*financial statements*, approvati mill-Kunsill u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv għandhom jintbagħtu sa mhux aktar tard mid-9 ta' Frar 2010.

Hi qalet ukoll, li skont *Memo 84/2009* – l-Allokazzjoni Finanzjarja 2010, għall-Kunsill kienet ta' €464,371 liema ammont ser jiġi mgħoddi f'erba' pagamenti, Jannar, April, Lulju u Ottubru. L-ewwel pagament kien ser isir fil-bidu ta' Jannar 2010 u dawk il-Kunsilli li ma jkunux wettqu l-obbligi statuturji tagħhom fit-tliet xhur ta' qabel, ser titnaqqsilhom 4% minn din l-allokazzjoni u dan l-ammont ma jiġix rifuż. Hi kompliet tgħid, li l-ammonti allokati għall-manutenzjoni tat-toroq li jinkludi wkoll, it-tindif tat-toroq u l-immaniġġjar ta' l-iskart, jridu bilfors jintużaw għal dan l-iskop, jekk ma jkunx hemm l-awtoriżazzjoni bil-miktub tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali biex jintużaw għal skopijiet oħra liema awtoriżazzjoni, tista' tingħata wara talba ġustifikata min-naħa tal-Kunsill.

Matul id-diskussjoni li saret, fejn tressqet tabella mħejjija mill-Kunsill li turi d-differenza bejn il-formula finanzjarja tas-sena preċedenti u dik attwali li hi maħduma skont il-miżuri tar-riforma li fuqha l-Kunsill irċieva l-allokazzjoni attwali fejn ġie notat żieda kemm fl-immaniġġjar ta' l-iskart u n-nefqa għall-Amministrazzjoni. Iċ-*Chairman* qal, li l-Kunsill għandu jieħu azzjonijiet li jikkonċernaw l-iskart u l-iżvilupp infrastrutturali u l-Kunsillier Joe Camilleri qal, li fl-opinjoni tiegħu din l-iskema ma kienitx ser timxi 'l quddiem.

**3.6.** Il-Kunsill ma laqax it-talba li saret mid-Dar tal-Providenza għal xi donazzjoni u dan skont *Memo 65/2009*.

**3.7.** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Viċi-Sindku, li ma tingħatax donazzjoni għall-programm l-Istrina iżda ssir ikla tal-Milied fiċ-Ċentru ta' Attivitajiet għar-residenti Gżirjani li ser ikunu waħidhom f'din il-ġurnata.

**3.8.** Il-Kunsill ġie nfurmat permezz ta' ittra mibgħuta mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali datata 16 ta' Novembru 2009, dwar permessi biex jitpoġġew imwejjed u siġġijiet quddiem *Waterfront Hotel* fi Triq ix-Xatt.

**3.9.** Il-Kunsill irċieva r-Risposta ta' l-Intimat li ġiet ippreżentata mill-Avukat Cynthia Van der Weerden għan-nom ta' l-Intimat ADT rigward l-Arbitraġġ Numru M1713/2008. Iċ-*Chairman* qal, li skont il-Perit tal-Kunsill, Triq Reggie Miller kienet sfrundat u għalhekk, trid tiġi *re-constructed* u mhux *re-surfaced* li jfisser, li hi r-responsabbilita' ta' l-A.D.T. biex dan it-tip ta' xogħol, isir. Fir-rispett ta' dan l-Arbitraġġ, l-A.D.T. kien kontumaci għaliex għall-kuntrarju tal-Kunsill, din l-Awtorita' naqset li tissottometti r-risposta tagħha fiż-żmien stipulat.

**3.10.** Rigward l-Għaqda Sajjieda u Dilettanti – Gżira, l-Kunsill kien irċieva kopja ta' ittra mibgħuta mill-MEPA lill-Għaqda hawn fuq imsemmija. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet, li s-Sur Cilia kien ġab kopja ta' l-oġġezzjoni li kienu ħadu *by hand* lill-MEPA pero' din waslet għand il-Kunsill ġurnata qabel ma jagħlaq iż-żmien ta' l-oġġezzjonijiet. Iċ-*Chairman* qal, li anke jekk il-Kunsill ried joġġezzjona dan ma setax minħabba l-fatt, li l-Perit tal-Kunsill hu l-istess Perit li qed jirrappreżenta lil Dott. Stanley Portelli LL.D għan-nom tal-*Malta Maritime Authority* liema Perit ma kienx obbligat li jinforma lill-Kunsill.

**3.11.** Il-Kunsill ġie nfurmat li kienu waslu żewġ ilmenti permezz ta' *e-mails* minn residenti ta' Triq Reggie Miller rigward il-*Bring In Sites* iżda r-rappreżentant ma setax jattendi għall-laqgħa minħabba mpenn ta' xogħol.

Matul id-diskussjoni li saret fejn fost affarijiet oħra, l-Kunsillier Joe Camilleri qal, li mill-lokazzjonijiet kollha, l-ilmenti qed isiru biss minn Triq Reggie Milleri, l-Viċi-Sindku qal, li l-problema kienet, li dawn il-*bring in sites* biss kienu nstallati faċċata tad-djar tar-residenti u minħabba l-fatt, li kienu fi triq arterjali, kienu qed jintużaw minn kulħadd b'konsegwenza li l-istorbju qed ikun kontinwu speċjalment dak tal-ħġieġ, il-Kunsillier Anthony Abela qal, li din ser tkun xi ħaġa repettitiva jekk dawn jiġu nstallati fix-Xatt u l-linja ta' gwida mill-ADT kienet għada ma waslitx, ġie deċiż li ċ-*Chairman* jiltaqa' magħhom u skont l-eżitu tal-laqgħa, l-Kunsill jipproċedi.

**3.12.** Iċ-*Chairman* ta' rendikont dwar il-laqgħa li kellu ma' xi residenti li joqgħodu Mavicaro Court, 130 Triq Sliema Gżira dwar twaqqieħ ta' xi djar minħabba l-*link road* fi Triq Mikiel Anton Vassalli fejn dawn ta' l-aħħar kienu preżentaw anke xi dokumenti.

Huwa kompla jgħid, li kien anke kellem lis-Sindku tal-Kunsill ta' San Gwann u kienu appuntaw żewġ laqgħat ma' l-Onor. Ministru Austin Gatt. Huwa qal ukoll, li s-Sindki kienu marbutin bil-liġi li l-Kunsill Lokali ma jistax jirrappreżenta każijiet privati ta' residenti kontra l-Gvern u kien kellem lill-Perit jekk il-*link road* setgħetx issir mingħajr ma jitwaqqa l-bini tar-residenti. Il-Viċi-Sindku qal, li kien ġie maħtur kumitat u r-residenti tal-Gżira kienu qed jattendu għall-laqgħat fil-Kunsill ta' San Gwann. Iċ-*Chairman* qal, li filwaqt li l-Kunsill ta' San Gwann provda assistenza t'Avukat, il-Kunsill kien qed jassisti permezz tas-servizz tal-Perit.

**3.13.** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Viċi-Sindku li jinxtara l-ktieb Martina@chat.com għall-prezz ta' €5.00

**3.14.** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat, li kopja tal-korrispondenza kienet disponibbli.

## 4. Approvazzjoni ta' *Request Sheets*

**4.1.** Tressqu r-*Request Sheets* minn Nru: 1527 sa Nru: 1578 (Ara *appendix* Nru: 1) għall-approvazzjoni tal-Kunsill, biex b'hekk ikun jista' jsir il-ħlas tal-kontijiet pendenti jew jiġu riżervati ammonti ta' flus mill-*budget*.

**4.2.** Il-Kunsillier Anthony Abela ġibed l-attenzjoni dwar *Request Sheet* Nru: 1564 – *E.L.C.* li l-ġebel li tneħħa minn Pjazza Meme' Scicluna, ma kienx ġie trasportat għall-ġnien tal-Ġżira Iżda ttieħed Wied Inċita.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li *Request Sheet* Nru: 1575 ġiet kanċellata.

**4.3.** Wara diskussjoni qasira, r-*Request Sheets* minn Nru. 1527 sa Nru. 1578 barra Nru: 1575, ġew approvati unanimament mill-Kunsill b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri.

**5. Diskussjoni dwar skemi tal-Ġbir ta' l-iskart riċiklat**

**5.1.** Ġie deċiż li s-suġġett hawn fuq imsemmi, jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss.

**6. Diskussjoni dwar approvazzjoni għall-pubblikazzjoni ta' l-*Expression of Interest* ta' *Public Relations Officer***

**6.1.** Iċ-*Chairman* qal, li xtaq iressaq talba għall-approvazzjoni tal-Kunsill dwar is-suġġett sopracitat għaliex fl-opinjoni tiegħu dan ikun ta' għajnuna kbira għall-Kunsill. Huwa kompla jgħid, li t-*terms of reference* kienu:

*marketing* tax-xogħol tal-Kunsill Lokali
Ġurnalist u Editur tal-*magazine* tal-Kunsill
xogħol biex jiġi ppubblikat u jinkitbu xi pubblikazzjonijiet
pubblikazzjoni tal-*magazine* tal-Kunsill u xogħol ta' pubbliċita' tal-Kunsill
P.R. ġħall-eventi tal-Kunsill fuq skala akbar mis-soltu
*to liason* mal-fotografu
to *liason* mal-Media Graphic
*to design* il-pubblikazzjonijiet tal-Kunsil
jikkordina d-distribuzzjoni

Huwa kompla jgħid, li kien jaf li Kunsilli oħra kellhom dan is-servizz.

Wara diskussjoni qasira, fejn fost affarijiet oħra l-Kunsillier Anthony Abela qal, li hu kien taħt l-impressjoni li l-editur kien iċ-*Chairman* filwaqt li l-Kunsillier Joe Camilleri qal li fl-opinjoni tiegħu, jkun aħjar jekk din il-materja tiġi diskussa fl-laqgħa oħra. Għalhekk, ġie deċiż li din il-materja tiġi diskussa fl-laqgħa oħra.

**7. Diskussjoni *Urban Improvement Funds***

**7.1.** Inqrat ittra mibgħuta mill-MEPA datata 3 ta' Diċembru 2009 dwar is-suġġett hawn fuq imsemmi.

Iċ-*Chairman* qal, li l-Perit Joe Bugeja kien iltaqa' mas-Sur Austin Walker, *Chairman*, fejn spjegalu li dak li ntbagħat minn dan il-Kunsill, kien bħal dak ta' Kunsilli oħra iżda sfortunatament tagħna ma ssodisfax ir-rekwiżiti mitluba.

## 8. Affarijiet Oħra

**8.1.** Il-Kunsill ġie nfurmat li l-attivita' li ssir kull sena għall-ħaddiema u l-kuntratturi li jagħtu servizz lill-Kunsill kienet ser issir fit-23 ta' Diċembru, fil-25 ta' Diċembru ser issir l-ikla għal dawk il-persuni li kienu ser ikunu waħidhom f'dik il-ġurnata u l-attivita' għall-Anzjani ser issir fid-29 ta' Diċembru 2009. Dawn l-attivitajiet ser isiru fiċ-Ċentru ta' Attivitajiet.

**8.2.** A bażi tal-proposta mressqa mill-Kunsillier Victor Rutter ġie deċiż, li ċ-*Chairman*, kellu jiltaqa' kemm mas-Sindku ta' Ta' Xbiex kif ukoll, mas-Sindku ta' l-Imsida sabiex jiddiskutu l-materja ta' Ġemellaġġ.

## 9. Laqgħa Oħra

**9.1.** Peress li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fis-7.45 p.m.

| | |
|---|---|
| Dott. Chris Bonett B.A. LL.D. | Rowena M. Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M. |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Gżira Local Council

**Ref No: K355/119/09**

**22 December 2009 KLG5/37**

| R/Sheet No: | Description | Value € | Chq No: |
|---|---|---|---|
| 1527 | Joe Bugeja & Assoc. r.f.p. 274 C/M fee Emb. Ġnien appr. 26.11.09 | 898.37 | 6324 |
| 1528 | Joe Bugeja & Assoc. r.f.p. 278 C/M fee Gżira H/Estate appr. 26.11.09 | 935.41 | 6328 |
| 1529 | Joe Bugeja & Assoc. r.f.p. 289 C/M fee Emb. Ġnien appr. 26.11.09 | 1589.42 | 6325 |
| 1530 | Joe Bugeja & Assoc. r.f.p. 290 C/M fee Emb. Ġnien appr. 26.11.09 | 822.28 | 6326 |
| 1531 | Joe Bugeja & Assoc. r.f.p. 295 Services for May 2009 appr. 26.11.09 | 453.65 | 6321 |
| 1532 | Joe Bugeja & Assoc. r.f.p. 296 Services for June 2009 appr. 26.11.09 | 934.80 | 6322 |
| 1533 | Joe Bugeja & Assoc. r.f.p. 297 Services for July 2009 appr. 26.11.09 | 577.37 | 6323 |
| 1534 | Joe Bugeja & Assoc. r.f.p. 298 c/M fee Emb. Ġnien appr. 26.11.09 | 1318.72 | 6327 |
| 1535 | Joe Bugeja & Assoc. r.f.p. 372 C/M fee Emb. Ġnien appr. 26.11.09 | 819.96 | 6329 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1536** | **Alfred Portelli C/Manager Oct. – Nov. December 2009** | **745.42** | **6381** |
| **1537** | **Dr. Ed. Woods Legal Advisor Oct. Nov. Dec. 2009** | **494.76** | **6382** |
| **1538** | **Road Maintenance Services emb. Ġnien arkati. appr. 26.11.09** | **2902.25** | **6335** |
| **1539** | **J.B. Stores material for Palk – attivita' 31.10.09** | **87.00** | **6369** |
| **1540** | **A.K.L. tiġdid ta' polza t'assigurazzjoni dwar flus fil-Kunsilli Lokali 01.01.2010 - 31.12.2010** | **63.00** | **6370** |
| **1541** | **The Toolbox invoice. Nos: 9133 -9181 9191** | **187.53** | **6383** |
| **1542** | **Makaw invoice 16632** | **55.04** | **6384** |
| **1543** | **Alfa Co. Ltd invoice 57765 repair of of photocopier** | **49.48** | **6385** |
| **1544** | **Koperattiva Tabelli u Sinjali invoice 12190 road markings. Job 9191** | **421.19** | **6903** |
| **1545** | **Koperattiva Tabelli u Sinjali invoice 12191 road markings Job 9192** | **373.13** | **6918** |
| **1546** | **Koperattiva Tabelli u Sinjali invoice 12200 road markings Job 9326** | **387.96** | **6917** |
| **1547** | **Koperattiva Tabelli u Sinjali invoice 12201 road markings Job 9327** | **191.76** | **6916** |
| **1548** | **Koperattiva Tabelli u Sinjali invoice 12203 road markings Job 9329** | **279.99** | **6915** |
| **1549** | **Koperattiva Tabelli u Sinjali invoice 12204 road markings Job 9330** | **412.52** | **6914** |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1550** | **Koperattiva Tabelli u Sinjali invoice 12211 road markings Job 9337** | **210.29** | **6913** |
| **1551** | **Koperattiva Tabelli u Sinjali invoice 12212 road markings Job 9338** | **661.60** | **6912** |
| **1552** | **Koperattiva Tabelli u Sinjali invoice 12213 road markings Job 9339** | **71.42** | **6911** |
| **1553** | **Squire Bookshop invoice 7126 newspapers November 2009** | **36.25** | **6386** |
| **1554** | **Environmental Landscapes Cons. inv. 005696 Soft Areas Nov. 09** | **2212.92** | **6387** |
| **1555** | **S. Rausi Trading as per statement approved 26.11.09** | **149.74** | **6376** |
| **1556** | **Joe Borg invoice 08 Duck Food – for the month of December 2009** | **46.58** | **6388** |
| **1557** | **Mr. Em. Mifsud inv 08 Door to Door Collection December 2009** | **5590.50** | **6389** |
| **1558** | **Mr. Em. Mifsud inv. 09 Hire of Skips December 2009** | **432.87** | **6390** |
| **1559** | **Mr. Em. Mifsud inv. 10 Public Convience December 2009** | **836.06** | **6391** |
| **1560** | **Mr. Em. Mifsud inv. 11 Bulky Refuse for the month of November 2009** | **886.79** | **6392** |
| **1561** | **Steve R. Farrugia inv. 127 S/Sweeping grasscutting- 90 min M/Sweeper Nov.09** | **4665.72** | **6393** |
| **1562** | **Steve R. Farrugia inv.128 Sunday Street Sweeping November 2009** | **378.52** | **6394** |
| **1563** | **C.S.D. Office Trade invoice 28679 stationery** | **77.78** | **6395** |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1564 | Environmental Landscapes Cons. Ltd labour/transport of the rocks from Pjazza Mem' to Gżira Gardens r.fp. 784 | 271.40 | 6396 |
| 1565 | Victor Borg – flower arrangement re funeral Twanny Buhagiar 27.11.09 | 40.00 | 6397 |
| 1566 | G4S Security Services inv. 033249 – 4 trips November 2009 Cash In Transit | 30.44 | 6398 |
| 1567 | Koperattiva Tabelli u Sinjali invoice 12241 job No: 9353 road markings | 79.57 | 6910 |
| 1568 | Koperattiva Tabelli u Sinjali invoice 12243 job No: 9354 road markings | 343.46 | 6909 |
| 1569 | GO plc inv. 22947001 Calls Nov. 09 Rent December 2009 tel: 341616 | 22.63 | 6377 |
| 1570 | GO plc inv. 22946991 Calls Nov. 09 rent December 2009 tel:334254/341034 | 92.58 | 6378 |
| 1571 | GO plc inv. 22947736 Calls Nov. 09 rent December 2009 tel: 322157 | 203.72 | 6379 |
| 1572 | J.F. Mallia Ltd. inv. 293 job No: 92 bozza W088 Triq Sliema k/wT. Rizzo | 30.00 | 6919 |
| 1573 | Wise Owl Publications Inv. No: 329B Book for P. Library | 250.00 | 6399 |
| 1574 | J. Bugeja Assoc. r.f.p. 373 C/M fee R/Maint. Emb. Ġnien appr. 26.11.09 | 116.09 | 6400 |
| 1575 | MITA inv. SIN022447 e-mail accounts 16.09.09 – 31.12.09 A.A MC IM VR DA Councillors appr. 26.11.09 | 29.05 | Cancelled |
| 1576 | Nathalie Camilleri Librarian Services November/December 2009 | 234.78 | 6901 |
| 1577 | Book Distributors (BDL) Ltd. invoice 144172 Books for Public Library | 44.71 | 6902 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1578 | Wise Owl Publications inv.333B<br>Books for P. Library | 63.98 | 6923 |